MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 359/2006

Il-Pulizija
(Spettur D. Zammit)
Vs

Andrew Formosa

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1. fid-9 ta’ Novembru, 2006, ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta’ wara nofsinhar [16:45hrs] gewwa Triq Tigne’, tas-Sliema u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq minn gewwa l-vettura Mazda 121 bin-numru tar-registrazzjoni DAQ-194, propjeta’ ta’ Nathalie Vella, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa Triq Tigne', tas-Sliema u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq minn gewwa l-vettura Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni FBR-985, propjeta' ta' Fredrick Pulis, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-vettura ta' Nathalie Vella, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 [hamsin lira Maltin] ghad-dannu tal-istess Nathalie Vella;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-vettura ta' Fredrick Pulis, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 [hamsin lira Maltin] ghad-dannu tal-istess Fredrick Pulis;

5. U fl-ahhar nett talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrat (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 261(b),(c) u (g), 263, 268, 271, 278(2), 280, 281, 325(c), 49 u 50 tal-Kap. 9, sabet lil-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2), liema terminu ma jiddekkorrix hlief jekk l-appellat jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9.
Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta' Novembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija w minflok piena ta' sentenza sospiza tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt legalment tinfliggi piena ta' prigunerija sospiza ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u dana minhabba li l-imputat appellat gie dikjarat bhala recidiv meta dana hu espressament eskluz fl-artikolu 28A(7) tal-Kodici Kriminali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Li huwa minnu li skond l-artikolu 28A(7) (b) ma jistax isir ordni ta' sentenza sospiza meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-terminu tal-artikolu 50.

Illi bl-ammissjoni tieghu stess l-appellat ma jikkontestax li huwa recidiv. Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza f'dan il-kaz u kienet marbuta li tinfliggi l-piena applikabbli ghar-reati li l-appellat kien ammetta l-htija taghhom w li kien instab hati taghhom u kwindi l-appell tal-Avukat Generali jidher gustifikat skond il-ligi. (ara : app. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Compagno"** [9.7.2003] **"Il-Pulizija vs. Claire Cassar"** [2.11.06] u ohrajn)

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Martin James"** [27.5.2004] :-

"*f'kazijiet bhal dawn idejn din il-Qorti jkunu marbuta ghaliex ladarba l-appellat ma jkunx hu ukoll appella mis-sentenza w partikolarment mill-kundanna ghal terminu ta' prigunerija - sia pure sospiza – dik il-kundanna tkun ghaddiet in gudikat u allura l-uniku "point in issue" quddiem din il-Qorti jkun jekk il-kundanna ghal zmien ta' prigunerija ghandhiex tidhol in effett minnufieh jew ghandiex tkun wahda sospiza skond l-artikolu 28A. Ghalhekk lanqas ma jkun possibbli ghal din il-Qorti li tikkonsidra xi xorta ta' provvediment iehor li forsi jkun*

*aktar idoneju fic-cirkostanzi ta' xi kaz partikolari – bhal nghidu ahna dawk kontemplati fil-Kap. 446 – li mhumiex prekluzi li jigu moghtija w applikati minnhabba r-recidiva. Dan qed jintqal biex tigi senjalata din il-"pit fall" fejn l-akkuzat li jkun minghalih li l-kaz tieghu ser jintemm bi provvediment ta' sentenza sospiza - ovvjament ghas-sodisfazzjon tieghu - ma jsibx ruhu li, fi stadju t' appell, kollox jigi rovexxjat irrimedjabilment ghax hu ukoll ma jkunx appella, u hekk jaqa' kif jghidu bl-ingliz "between two stools" ."*

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat ghall-sentejn prigunerija sospiza ghal sentejn - w minnflok tikkundannah sentejn (2) prigunerija effettiva w mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament taghha kollha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------